MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 352/2007/1

**Benigno Saliba**

**vs**

**Direttur Generali ta’ l-Edukazzjoni,**
**Direttur Generali tat-Tezor, u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta’ Ottubru, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors fuq indikat datat is-16 t’Ottubru tas-sena 2007, u d-digriet taghha datat il-11 ta’ Novembru tas-sena 2008, li permezz taghhom ir-rikorrent sejjah lill-intimati hemm indikati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundanati:

1. Illi jhallsu s-somma t'erbat elef tlett mija u sebgha u sebghin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu, (LM4,377.41,0), jew somma verjuri rapprezentanti din is-somma danni sofferti mir-rikorrent konsistenti f'bilanc ta' imghax dovut fuq is-somma dovuta ta' irtirar, ("*gratuity")*, lilu mhallsa f'Jannar tas-sena 2007, minflok April tas-sena 2002, bl-imghax minn April tas-sena 2007 sad-data tal-pagament effettiv. Kif ukoll l-interessi fuq l-arretrati tal-pensjoni li huwa rcieva;

2. Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni;

Rat ir-risposta ta' l-intimati datata l-25 ta' Jannar tas-sena 2008 li permezz taghha wiegbu s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi r-rikorrent ma sofra ebda danni kif qed jippretendi li ghamel;

3. Illi ammont reklamat da parti tar-rikorrent bhala imghaxijiet mhux dovut sempliciment minhabba l-fatt li l-imghaxijiet kollha dovuti lir-rikorrent diga' thallsu lill-istess rikorrenti;

4. Illi waqt li r-rikorrent kien ghaddej proceduri kriminali, l-ammont dovut lilu bhala *gratuity* tpoggiet f'kont fil-Bank Centrali ta' Malta, u waqt li kienet f'dak il-kont, l-imghaxijiet baqghu ghaddejjin u fil-fatt thallsu lill-stess rikorrent, ladarba gew finalizzati l-proceduri kriminali kontra tieghu;

5. Illi l-esponenti jixtieq jirrileva li waqt li l-ammont ta' *gratuity* kienet fil-kont fil-Bank Centrali, l-imghaxijiet dovuti fuq dik is-somma baqghu jigu kkreditati lill-istess kont u dan kollu b'rata bejn

wiehed u iehor li kienet l-istess bhar-rata li kienet pagaballi lill-istess rikorrent kieku l-istess rikorrent pogga s-somma msemmija f'kont f'bank kummercjali, u dan jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Innotat li r-rapprezentant legali ta' l-intimati ghazel li jirrimetti ruhu ghall-provi;

Tirrileva li permezz tad-digriet taghha datat l-24 ta' Gunju tas-sena 2009 awtorizzat lir-rapprezentant legali tar-rikorrent biex jissottometti nota ta' sottomissjonijiet, bir-rapprezentant legali ta' l-intimati jigi moghti xahar minn notifika ta' l-istess nota ghar-risposta tieghu, jekk jidhirlu li ghandu jipprezenta tali nota responsiva;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet de quo;

Tirrilleva li nonostante l-perjodu moghti ghar-risposta, din baqghet ma gietx ipprezentata;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi fis-26 ta' Mejju tas-sena 2000, ir-rikorrent kien gie sottomess ghall-proceduri ta' natura kriminali rigwardanti xi allegazzjonijiet li kienu gew vantati fil-konfront tieghu, liema proceduri gew konkluzi permezz ta' sentenza datata it-8 ta' Novembru tas-sena 2006 li peress li ma gietx appellata, ghaddiet in gudikat;

2. Illi permezz ta' din is-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti, ir-rikorrent kien skagonat ghal kollox mill-akkuzi migjuba kontra tieghu;

3. Illi matul il-perjodu in dizamina l-istess rikorrent kien impjegat bhala ghalliem fl-iskola Ninu Cremona, Rabat, Ghawdex, u eventwalment irtira bl-eta` fl-10 t'April tas-sena 2002;

4. Illi stranament, fil-perjodu ta' kemm dam hekk impjegat u bil-procedura kriminali pendenti, ir-rikorrent baqa' jahdem normalment u jircievi wkoll is-salarju tieghu b'mod regolari sa ma rtira;

5. Illi jirrizulta li peress li r-rikorrent kien gie mpjegat mal-Gvern qabel l-1979 hu kien intitolat ghas-somma relattiva dovuta oltre l-pensjoni mensili, li hi effettivament il-meritu tal-vertenza odjerna;

6. Illi meta wara li ntemmet il-procedura penali mehuda fil-konfront tar-rikorrent odjern, hu gie nformat illi kien ser jircievi pensjoni mnaqqsa, (ara fol 17);

7. Illi meta fil-kors tal-procedura penali ir-rikorrent ikkwalifika ghall-pensjoni dovuta, is-somma lilu dovuta ma gietx mghoddija lilu kif soltu jsir izda giet minflok depozitata l-Bank Centrali;

8. Illi meta eventwalment is-somma dovuta giet mghoddija lir-rikorrent, dan jallega li tnaqqaslu l-imghax dovut lilu;

9. Illi di piu` isostni li hu rcieva l-*"gratuity"* lilu dovuta madwar hames (5) snin wara li kienet lilu dovuta;

10. Illi jsostni wkoll li meta r-rikorrent ircieva l-arretrati lilu dovuti ghal dik il-parti tal-pensjoni li kienet lilu mizmuma minhabba l-proceduri

kriminali msemmija, tnaqqaslu l-ammont ta’ l-imghax lilu dovut fuq l-istess, (ara fol 37);

11. Illi r-rikorrent jirreklama l-ammont ta’ imghax lilu dovut ghall-perjodu in dizamina ghandu jkun fl-ammont ta’ tmienja fil-mija, (8%), (ara fol 37);

12. Illi wara li ezaminat kif inhadmu dawn l-ammont t’imghaxijiet mir-rikorrent, ma ssib xejn x’ticcensura fir-rigward;

13. Illi ghaldaqstant kien kostrett jintrapprendi l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi skond l-intimati s-sitwazzjoni in dizamina tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-*“gratuity”* tar-rikorrent kienet giet mizmuma fuq parir tal-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u li inoltre l-istess Kummissjoni kienet ukoll iddekretat li r-rikorrent kellu jigi moghti nofs il-pensjoni u dawn, sakemm jigu ezawriti l-proceduri kriminali li kienu pendenti fil-konfront tieghu;

2. Illi meta l-imsemmija proceduri gew decizi konklussivament favur ir-rikorrent l-intimati ghaddew lir-rikorrent l-ammonti lilu dovuti, senjatament il-*“gratuity”* tieghu flimkien mal-imghax akkumulat;

3. Illi ghalkemm jirrizulta li s-sentenza hi datata t-8 ta’ Novembru tas-sena 2006, il-*“gratuity”* thallset lir-rikorrent fil-25 ta’ Jannar tas-sena 2007, abbundantement wara li l-istess sentenza ghaddiet in gudikat;

4. Illi l-imghax li akkumula fuq l-imsemmija “*gratuity”* gie lilu mhallas separatament;

5. Illi skond l-intimati l-ammonti dovuti fuq il-"*gratuity*" u l-pensjoni u l-imghaxijiet relattivi gew debitament komputati u mhallsa lir-rikorrent u konsegwentement, l-ammonti riklamati mir-rikorrent m'humiex dovuti lilu;

Ikkunsidrat:

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu r-rikorrent jirreklama li l-intimati ikkagunawlu danni ghaliex:

1. illegalment zammewlu nofs il-*"gratuity"*;

2. illegalment zammewlu nofs il-pensjoni;

Illi meta wara li kien skagonat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu l-imghaxijiet lilu moghtija ma gewx lilu moghtija a bazi ta' 8%;

Illi din it-tezi hi suffragata kemm mill-ligi, fejn ir-rikorrent jirreferi ghall-artikolu 1139 tal-Kodici Civili, kemm mill-kazistika, fejn ir-rikorrent jirreferi ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz fl-ismijiet Sabeur Ben Ali vs Malta, datata d-29 ta' Gunju tas-sena 2000 u kazistika lokali ohra, (ara fol 61);

Ikkunsidrat:

Illi din il-qorti taqbel mal-osservazzjoni tar-rikorrent li dan hu kaz pjuttost kurjuz – anzi anomalu;

Illi fil-generalita` tal-kazi meta impjegat civili jkun ghaddej proceduri ta' natura kiminali dan jigi sospiz u l-paga tieghu tigi dimezzata sa l-ezitu finali tal-kontroversja;

Illi pero` l-procedura generalment osservata f'dan it-tip ta' cirkostanzi tidher li giet skartata u ghal xi raguni jew ohra min kien responsabbli ghazel li jimxi mod iehor – mod li skond id-Direttur Generali u sussegwentement Segretarju Permanenti

responsabbli fil-perjodu, stqarr dan kien kaz uniku, fejn ir-rikorrent kien qed jiffaccja akkuzi ta’ natura kriminali izda xorta wahda thalla fl-istess inkarigu t’ghalliem fl-istess skola fejn sehh l-allegat incident li ghalih kellu jwiegeb fl-azzjoni kriminali indirizzata kontra tieghu;

Illi l-azzjoni amministrattiva mehuda kontra tieghu hi ghalhekk anomala fejn filwaqt li thalla jezercita x-xoghol tieghu b’impunita` u allura baqa` jithallas regolarment is-salarju dovut, ittiehdet decizjoni stramba u ma’ l-ritirar tieghu diversi snin wara l-akkadut, inzammitlu l-“*gratuity”*, iddimezzawlu l-pensjoni u meta gie skagonat, immanipulawlu l-imghaxijiet favur l-amministrazzjoni;

Illi ghandu jinghad li hawn l-amministrazzjoni tidher li sbandat – fejn iddecidiet li ghal diversi snin ma taghmel xejn, meta r-rikorrent lahaq l-eta` tal-pensjoni, ghazlet li minn jeddha u minghajr id-debitu process legali tippunieh finanzjarjament billi tikkonfiskalu indebitament il-“*gratuity”* u timmanipola l-pensjoni dovuta flimkien ma’ l-imghaxijiet fuq it-tnejn;

Illi agir ta’ dan it-tip hu ta’ min jistmerru ghaliex l-amministrazzjoni pubblika hi obbligata mhux biss li timxi skond il-ligi u tkun ta’ ezempju fir-rigward, izda hi tenuta wkoll li ma tuzax is-sahha sproporzjonata li ghandha biex timmanipola r-rizultanzi fil-konfront ta’ individwu li l-forzi tieghu zgur mhux paragonabbli maghha;

Illi fir-rigward ta’ l-imghaxijiet, din il-qorti qed taqbel ukoll mat-tezi tar-rikorrent u tirrifjuta li tavalla din il-manipulazzjoni meskina li ma taghmel l-ebda gieh lill-amministrazzjoni pubblika meta titbaxxa ghal tali sotterfugi;

Ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha tal-intimati, takkolji t-talbiet tar-rikorrent u konsegwentement:

> 1. Tiddikjara li l-intimati fuq indikati huma debituri tar-rikorrent fl-ammont minnu ndikat fir-rikors promotur, senjatament fl-ammont ta' erbat elef tlett mija u sebgha u sebghin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (LM4,377.41,0), ekwivalenti ghal ghaxart elef mija u sitta u disghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€10,196.62);
>
> 2. Tikkundanna lill-intimati fuq indikati biex ihallsu l-ammont hekk likwidat lill-imsemmi rikorrent;
>
> 3. Bl-ispejjez u l-interessi dovuti skont il-ligi, anke fuq l-arretrati tal-pensjoni gia` moghtija lir-rikorrent."

Il-konvenuti flimkien appellaw minn din is-sentenza u talbu li din tigi mhassra. Primarjament, l-obbjezzjoni taghhom fil-konfront ta' din is-setenza hi fis-sens illi gjaladarba l-attur kien ghaddej proceduri kriminali fil-mument li lahaq l-eta` ta' l-irtirar, il-pensjoni u kull gratifikazzjoni ohra ma setghetx tinghata lilu qabel ma tkun assessjata l-"*creditable performance*" tieghu a sensu ta' l-Artikolu 2 (2) ta' l-Ordinanza tal-Pensjonijiet. F'dan il-kuntest hi l-kontenzjoni ta' l-appellanti illi l-ezercizzju opportun ghal dak l-intitolament seta' jsir biss wara li jintemmu l-istess proceduri kriminali;

Ghalkemm il-fatti tal-kawza huma sew riportati fis-sentenza appellata, huwa forsi utli illi, brevement, jigu ri-epilogati l-elementi l-aktar essenzjali taghhom:-

1. L-attur gie akkuzat mill-Pulizija illi fis-26 ta' Mejju 1999, bhala ghalliem f'Ninu Cremona Lyceum Complex, ir-Rabat, Ghawdex ikkaguna offizi hfief fuq wiehed mill-istudenti. Ghandu jinghad illi mir-relattiva akkuza l-attur gie liberat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Novembru, 2006;

2. L-attur baqa' fl-impjieg effetiv nonostante dak l-incident u imputazzjoni u ssokta jircievi s-salarju. Jigi osservat illi fil-konfront tieghu ma kien hemm ebda mizura ta' dixxiplina minn xi Bord. Ara xhieda ta' Charles Mizzi, ex-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni a fol. 15A tal-process;

3. L-attur irtira bl-eta` fl-10 ta' April 2002 u b'ittra mibghuta lilu fil-25 ta' Gunju, 2002 mid-Dipartiment tat-Tezor gie infurmat illi hu kien intitolat ghall-gratifikazzjoni ta' Lm10,067 (€23,411). Ara Affidavit ta' l-attur a fol. 17. F'din l-istess ittra l-attur gie mgharraf ukoll illi din il-*gratuity* kienet ser tinzamm lura pendenti l-proceduri kriminali u li kellu jibda jircievi nofs il-pensjoni kommutata. Ara deposizzjoni ta' Annunziata Grech, impjegata mat-Tezor, a fol. 52 tal-process;

4. Terminat il-procediment penali l-attur rceva mit-Tezor is-somom kapitali lilu dovuti ghal *gratuity* u l-pensjoni kommutata flimkien ma' l-interessi (Lm1384.94) fuq il-*gratuity* (ara r-Remittance Advices datati 25 ta' Jannar 2007 u 21 ta' Frar 2007 minn fol. 25 sa fol. 27). Jigi notat illi skond it-tabella esebita a fol, 54, kif ukoll fl-ittra tat-Tezor lill-attur datata 14 ta' Marzu, 2007 (fol. 19), l-interessi komputati nhaddmu bir-rata hemm murija (varjanti minn 2.5% sa massimu ta' 3.5%);

Premessi dawn il-fatti hi l-pretensjoni ta' l-Attur bl-Avviz promotur illi sija fil-kaz tas-somma tal-*gratuity* kif ukoll fuq dik ta' l-arretrati tal-pensjoni kommutata kellu jiddekorri imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fit-termini tal-prospett minnu esebit a fol. 20. Dan ghall-perijodu bejn l-10 ta' April 2002 (data ta' l-irtirar bl-eta`) sal-31 ta' Jannar 2007 (*recte,* 25 ta' Jannar 2007, data tal-pagament effettiv). Huwa dan jakkampah fuq il-provvediment ta' l-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili f'kombinazzjoni mar-regolamenti tad-Disciplinary Procedure in the Public Service Commission (Avviz Legali 186 ta' l-1999 kif sussegwentement emendat bl-Avviz Legali 67 tas-sena 2006), senjatament, ir-regolament 14 (2) u 38 tieghu. Ara

Nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur quddiem l-ewwel Qorti a fol. 60;

Komplessivament il-predetti regolamenti specifici jistabilixxu illi l-ebda proceduri dixxiplinarji ma ghandhom jittiehdu u l-ebda penali inflitta di fronte ghall-ufficjal li jkun soggett ghall-*“criminal charge*” la meta dan ikun ghadu fil-kors ta’ l-impjieg pubbliku, u lanqas wara li jirtira, sakemm ir-relattivi proceduri kriminali ma jkunux intemmu. L-ewwel Qorti sabet li l-attur kellu ragun u ghaddiet biex takkolji t-talba tieghu;

L-appellanti jirreagixxu ghal gudizzju ta’ l-ewwel Qorti billi javvanzaw dawn l-argomenti:-

1. Ghal kwalifika tal-*gratuity* ried qabel xejn jigi certifikat illi l-attur kien gustifikat jirceviha in bazi ghall-“creditable performance” [Artikolu 2 (2) ta’ l-Pensions Ordinance, Kapitolu 93). Tali certifikat seta’ biss jigi determinat wara t-tmiem tal-proceduri penali;

2. L-Artikolu 1139 tal-Kapitolu 16 jitratta dwar imghax fuq danni u dawn, jekk jezistu, ma setghux jigu rinfaccjati lilhom ghaliex il-proceduri kriminali ma ttiehdux b’xi inizzjattiva taghhom;

3. F’kull kaz qatt ma kienu dovuti xi imghaxijiet u, anzi, kien bil-“buona grazzja” taghhom illi l-ammonti kapitali dovuti tqeghdu f’bank biex setghu jiggeneraw l-interessi li thallsu;

Il-Qorti jidhrilha li ghandha tibda minn dan l-ahhar argoment biex tirregistra l-konsiderazzjonijiet segwenti ta’ indoli generali:-

1. Primarjament, l-inadempiment jew id-dewmien fl-ezekuzzjoni ta’ l-obbligazzjonijiet da parti ta’ l-Awtorita` Pubblika ma humiex soggetti ghall-ebda trattament specjali izda ghandhom, invece, ikunu direttament

sottoposti ghad-dixxiplina kodicistika tal-mora tad-debitu taht il-Kodici Civili in referenza ghad-dekorriment ta' l-interessi moratorji jew kompensattivi;

2. Mhux il-kaz li l-Qorti, hawnhekk, toqghod tirreplika d-diversi tipi ta' interessi ghaliex in meritu bizzejjed li ssir semplici referenza ghall-osservazzjonijiet minnha diga` zvolti fis-sentenza taghha in re: "**Mekkanika Limited -vs- Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti *et***", (6 ta' Frar, 2008). Ugwalment mhux lanqas il-kaz li terga' tesprimi l-interpretazzjoni valutativa fir-rigward ta' l-Artikolu 1139, kif kombinat ma' l-Artiklu 1140, tal-Kodici Civili ghaliex dan ukoll diga` ghamlitu fis-sentenza l-ohra taghha fl-ismijiet "**Paolo Bonnici *nomine* -vs- Kontrollur tad-Dwana**" (17 ta' April, 2009). Bizzejjed li limitament tirriafferma illi, fundamentalment, dawk l-interessi li l-istess ligi tqishom moratorji jirrapprezentaw il-konsegwenza awtomatika tad-dewmien subit mill-kreditur fil-godiment tas-somma dovuta lilu u jesprimu wkoll tal-likwidazzjoni tal-vantagg mankat;

3. Il-punt li jrid jigi hawn enfasizzat hu dak li l-Awtorita` pubblika, inkluz l-entitajiet jew dekasteri li jorbitaw maghha, ma tgawdi ebda deroga mill-principju tar-responsabilita` tad-debitur ghall-inadempiment tardiv tal-prestazzjoni, u, ukoll, ebda helsien mill-imposizzjoni ta' l-interessi moratarji bhala forma minimali ta' rizarciment;

Stabbilit dan, l-indagini ta' l-imputabilita` tad-dewmien tal-hlas tas-somom dovuti lill-appellat, u dik tal-pretensjoni konsegwenzjali tieghu ghar-rizarciment tad-danni fil-forma ta' interessi moratorji, twassal biex tinghata risposta lis-sottomissjonijiet l-ohra ta' l-appellanti bil-mod infraskritt:-

1. L-ewwelnett, dak li jinghad fl-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, u b'mod partikolari, ghar-rekwizit prijoritarju tal-"creditable performance" fuq liema l-appellanti jikkampaw ir-rezistenza taghhom ghat-talba ta' l-attur, huwa inidoneju biex jinfluwixxi ruhu b'mod unilaterali fuq ir-rapport obbligatorju u dak ta' l-adempiment f'waqtu mill-appellanti tal-hlas tal-*gratuity* u tal-pensjoni kommutata;

2. Dan huwa hekk maggorment fil-kaz prezenti in kwantu sa mill-25 ta’ Gunju, 2002 l-Awtorita` responsabbli kienet diga` stabbilit u kkonfermat il-kwantum tal-*gratuity* spettanti lill-attur. Li jfisser, logikament, illi dik l-istess Awtorita` kienet diga` assessjat dik il-“credibitable performance”. Li jfisser, ukoll, fuq l-istregwa tar-Regolamenti ta’ Dixxiplina ghas-settur pubbliku illi ma kellha tittiehed ebda mizura li b’xi mod tippenalizza lill-attur;

3. Il-konvenuti ma jikkonvincux meta jirragunaw li huma ma kkawzaw ebda dannu u li l-attur kien messu dderiega l-isforzi tieghu kontra min fil-fatt ikkagunalu d-dannu. Ibda biex ir-ritard fil-hlasijiet dovuti sar minnhom u, kif abundantement rilevat, id-dannu hawn reklamat huwa minn natura ta’ interessi moratorji fuq dawk l-istess hlasijiet tardivi, u mhux ukoll dannu ta’ xi tip iehor;

4. Ukoll jekk hemm bzonn jigi ripetut, sew fiz-zmien ta’ l-iskadenza ta’ dik il-*gratuity*, u tal-pensjoni ma’ l-irtirar ta’ l-attur bl-eta`, sew fil-perijodu successiv il-konvenuti kienu fil-posizzjoni identika ta’ kull debitur iehor privat, u tenuti ghall-istess imgieba tad-diligenza tal-*bonus paterfamilias* a norma ta’ l-Artikolu 1132, Kodici Civili, u esposti ghall-istess responsabilita` a sensu ta’ l-Artikolu 1139 ta’ l-istess Kodici. Zgur ma kellux ikun aspettat illi l-attur, mehlus minn kull imputazzjoni kriminali, kien ser jikkontenta ruhu bir-rata ta’ interessi kif applikati mill-Bank Centrali;

Maghdud dan, il-Qorti issib li fuq il-bazi ta’ l-istess prospett esebit mill-attur is-somma komplessiva ta’ l-interessi li ma thallsux bir-rata skond l-Artikolu 1139 ghall-perijodu relattiv (10.04.2002 sal-31.01.2007) hi dik ta’ tliet elef hames mija tlieta u sittin lira, tmienja u tmenin centezmu (Lm3563.88) ossija Lm2440.77, bilanc ta’ interessi fuq il-*gratuity* u Lm1123.11, interessi “a skaletta” fuq il-pensjoni kommutata;

Tnehhi l-kliem zejjed, goff u inapproprijat tas-sentenza appellata, mill-bqija din ser tigi kkonfermata, salv ghall-varjanti ta' l-ammont dovut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tichad l-appell b'dan li qeghda fl-istess waqt tvarja s-somma kanonizzata billi tirreduciha ghal tlett elef hames mija tlieta u sittin lira, tmienja u tmenin centezmu (Lm3563.88) jew tmint elef tliet mija u wiehed euro, wiehed u sittin centezmu (€8301.61). Dan flimkien ma' l-interessi ulterjuri mid-data tan-notifika ta' l-Avviz promotur. L-ispejjez tal-prezenti istanza jitbatew mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------